MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Numru 259/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Tarcisio Urry ta' 51 sena, iben mhux maghruf u Hilda Urr, mwieled Rahal Gdid fis-17 ta' Settembru, 1948, u joqghod 31, Fuq San Pawl, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 781948 (M)**

**Illum 20 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Tarcisio Urry li gie akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur u qabel it-2 ta' Jannar, 2000 f'Malta matul il-gurnata, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe television tal-ghamla 'Seleco', li huwa stmat li jiswa aktar minn Lm 50, liema television gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi mill-istqarrija jirrizulta li Urry qal li fil-bidu tan-negozju qasir bejnu u bejn Vella hu staqsih, anzi qallu, li jekk it-TV kien tajjeb kien jixtrih, qal ukoll li kien staqsa lil Vella jekk it-television kienx imbaghbas jew misruq. Wara qal hekk li dak il-hin tan-negozju ma basarx li kien misruq pero' "rajt it-TV issuspettajt, fil-fatt mort ippruvajtu, dahhalt xi erba' stazzjonijiet biss. Imbaghad warrabtu." Zied li s-suspett gieh wara. Tant li ghax ma hadimx it-TV mar ifittex lil Vella biex jaghtihulu lura.

Jibqa' l-fatt pero' li Urry kien ben konsapevoli li dan it-TV kien qed jinbiegh lilu versu l-prezz baxx, bla ebda dokument tieghu u di piu' bla licenzja. Oltre hekk jirrizulta wkoll ex admissis li dan it-TV instab stranament mohbi ghand l-akkuzat.

L-Antolisei jghid hekk dwar l-element (wiehed) ta' reat in dizamina u hawn qed jitkellem fuq id-dolo. "Occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle altre cose acquistate ecc. Tale

consapevolezza, secondo le regole generali, deve ritenersi sussistente anche se nella mente del reo si sia affacciato il dubbio delle provenienza delittuosa, ma nonostante cio, egle abbia agito, accettando il rischio incorre nelle sanzioni della legge …" (Pg. 420 Antolisei. Manuele di Diritto Penali Parte Speciale 1 1996 Ed.)

Ikkunsidrat

Il-Qorti tinsab konvinta li stante li kien jaf minghand min xtara t-Television, tant li anke kien jaf fejn isibu, il-mod kif sar il-bejgh cioe l-prezz u n-nuqqas ta' dokumenti anke l-fatt li staqsa lil  Vella dwar il-provenjenza ta' l-istess TV, taqa' taht id-definizzjoni ta' dolo hawn fuq moghtija mill-Antolisei.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 334 tal-Kap 9, rat il-fedina penali li hija netta, rat l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.